**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 43 – 10 ta' Marzu 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-7 ta' filgħaxija u saret Agenda 43. Il-laqgha bdiet fis-7.15 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Prezenti ghal-laqgha kien hemm is-sur John Zammit, il-Project Manager Philip Gatt, il-konsulent tal-Kunsill ghall-Events Management u Marketing, Dr. Massimo J Ellul, u l-membri tal-kunsill lokali taz-zghazagh flimkien ma' Stephania Fenech, l-youth worker li qed issegwi l-progett.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZJZONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 42 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghal punt 5.10 tal-minuti u qajjem dubji dwar il-korrettezza tal-mozzjoni.

1.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li l-mozzjonijiet ghandhom isiru bil-miktub halli ma jikunx hemm disgwidi ta' dan it-tip.

1.4. Is-segretarju ezekuttiv ikkonferma li l-mozzjoni tnizlet b' mod korrett. Is-Sindku stieden lis-segretarju sabiex jiccekja mar-recording tal-laqgha sabiex jigu kjarifikati d-dubji tal-kunsillier Agius.

1.5. Il-laqgha giet sospiza fis-7.30pm sakemm is-segretarju jiccekja r-recording u sadanittant il-Kunsill jitkellem mal-kunsill lokali taz-zghazagh.

1.6. Il-laqgha tkompliet fis-7.40pm.

1.7. Is-Segretarju semma r-recording tal-laqgha u gie kkonfermat li l-mozzjoni giet imnizzla fil-minuti b' mod korrett.

1.8. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jigu approvati hekk kif mressqa. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati b' mod unanimu. (98)

## 3. INTRODUZZJONI TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL LOKALI TAZ-ZGHAZAGH

3.1. Il-Vici Sindku Duncan Bartolo kkonkluda l-introduzzjoni mal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh li saret waqt li l-Kunsill kien fi stadju ta' kumitat billi weighed is-sapport tal-Kunsill ghal din l-inizjattiva.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-partecipanti sabiex waqt li jkunu qeghdin jifformulaw il-progett taghhom jippruvaw joholqu xi haga li tkun utli ghall-komunita.

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 5.1 tal-minuti u talab li jinghata kopja tar-rapport dwar l-infieq tal-Kunsill.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 5.30 tal-minuti u talab li jinghata kopja tal-lista tal-attivitajiet kulturali ppjanati ghas-sena.

2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq quddiem il-kunsill proposta sabiex jaghmel harga ghall-anzjani fi zmien il-ghid u l-Kunsill ihallas it-trasport ta' din il-harga. Is-Sindku Alfred Grixti ssuggerixxa li l-harga ssir f' okkazjoni ta' Jum San Girgor.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza minghand il-Fondazzjoni Majjistral Local Action Group. Is-Sindku spjega li din il-fondazzjoni tahdem sabiex iggib fondi tal-EU taht il-programm Rural Development Program ghall-membri taghha. Is-Sindku kompla jghid li hemm zewg tipi ta' fondi ghad-disposizzjoni tal-Kunsilli membri, dawk ghal zvilupp rurali u dawk ghal zvilupp infrastrutturali rurali.

4.1.2. Is-Sindku spjega li huwa xettiku dwar il-mod kif topera din il-fondazzjoni minhabba li l-bilanc politiku mhux rispettat u ghax jippretendi li bhala membru tal-fondazzjoni jkollu dritt li jsemma l-lehen tieghu. Is-Sindku spjega li bhala membership fee tintalab is-somma ta' € ghal kull kunsillier li ghandu l-kunsill jigifieri total ta' €.

4.1.3. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun skuzat. Huwa telaq fis-7.55pm

4.1.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fost il-fondi li ghalihom jista japplika l-kunsill hemm mizura 313. Is-Sindku qal li taht din il-mizura il-kunsill japplika sabiex isir pjan ta' zvilupp ghal park rurali ghal Wied Qirda li permezz tal-progett jitnaddaf u jsir xoghol ta' manutenzjoni fih. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jghid li jekk il-Kunsill jiehu cans, il-perit irid jipprepara rapport u proposta sabiex tigi sottomessa mal-applikazzjoni u b'hekk Wied Qirda jigi rrangat fid-dawl tal-anniversarju tal-50 sena mill-mewt ta' Dun Karm Psaila.

4.1.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li huwa ma jaqbilx li l-Kunsill jidhol membru f' din il-fondazzjoni jekk il-Kunsill ma jithalliex jattendi fil-laqghat tal-kumitat tal-fondazzjoni.

4.1.6. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li sakemm jigi ccarat dan il-punt il-kunsill ma kienx se jhallas il-membership fee ghal din il-fondazzjoni.

4.1.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jikkonkori ghall-mizura 313 taht ir-Rural Development Programme li jaqa' taht l-European Agricultural fund skond l-avviz li deher fuq il-harga 5195 tal-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Marzu 2011. Huwa gie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittiehed Vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (99)

4.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar skema mahruga mill-Awtorita tad-Djar dwar fondi ghall-Kunsilli Lokali ghal program ta' Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern. Is-Sindku spjega li taht din l-iskema kien hemm is-somma ta' €50,000 ghad-disposizzjoni tal-Kunsill ghas-sena 2011, €50,000 ghas-sena 2012 u €40,000 ghas-sena 2013. Is-Sindku ddeskriva x' tip ta' xoghol kien jaqa' taht din l-iskema.

4.2.2. Is-Sindku spjega li qabel tapplika ghal dawn il-fondi hu kien tal-idea li jsir status report minn naha tal-perit halli ssir evalwazzjoni tax-xoghol li jrid isir.

4.2.3. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li dan ix-xoghol ta' jista' jsir mill-project manager u l-Kunsill ma jqabbadx bilfors lill-perit.

4.2.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li ma jista jifhem il-mod kif ha tahdem u topera din l-iskema u ghalhekk kien se jastjeni milli jivvota.

4.2.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jippartecipa f' din l-iskema. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Emanuel Agius

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (100)

.

4.3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Kunsill rcieva ittra dwar in-Nazzareno Vassallo award ghall-inizjattivi favur l-anzjani. Is-Sindku spjega li l-Kunsill intalab jinnomina persuna u huwa kien ha l-inizjattiva li jinnomina lill-Kunsillier Joe Ciantar ghax-xoghol siewi li jaghmel f' dan il-qasam. Is-Sindku qara l-ittra ta' nomina tal-Kunsillier Ciantar.

4.3.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar irringrazzja lis-Sindku ghal din in-nomina.

## 5. VOT TA' FLUS

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti lill-Kunsilliera. Huwa talab ghall-kummenti tal-kunsilliera..

| Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skont Agenda Nru. 43 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| **Skeda A - Hlasijiet Kuntrattwali** | | | | |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 002/2011 | 28/02/11 | 9,911.58 | Gbir ta' Skart Frar 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 675 | 28/02/11 | 3,688.17 | Knis Frar 2010 |
| Roccu Mifsud | 61 | 28/02/11 | 886.66 | Public Conveniences Frar 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/02/11 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Frar 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 28/02/11 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Frar 2010 |
| M&E Management Group | 002/2011 | 27.02.2011 | 1,917.50 | Marketing & Events Consultancy (Frar 2011) |
| Raymond Calleja | n/a | various | 4,626.51 | Patching u bankini |
| | | | | |
| ***Total Skeda A*** | | | ***24,442.90*** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Schembri Infrastructures | 20055-37 | 15/10/10 | 10,000.00 | Installment on works Triq Tumas Dingli & Triq Ghasfura |
| Ta' Xmun Ironmongery | 6 431 619 | 01/02/11 | 997.28 | Ironmongery items |
| Tanti Ironmongery | 576651, 577554 | various | 606.61 | Ironmongery items |
| Superior Ironmongery | 26565, 11665 | various | 354.60 | Ironmongery items |
| Do it All | 1236-1241 | various | 1,094.53 | Ironmongery items |
| Pointer Pet Shop | n/a | various | 189.65 | Affarijiet ghal-guva |
| Ufficju Parrokjali | n/a | n/a | 200.00 | Kiri tas-sala laqghat anzjani Novembru, Jannar |
| 12th May Band & Social Club | n/a | 03/01/11 | 300.00 | Kiri tal-arbli ghat-tizjin tal-Milied |
| Go plc | 25154969 | 12/02/11 | 49.07 | Telephone bills |
| Go plc | 25155091 | 12/02/11 | 191.73 | Telephone bills |
| Go plc | 25155013 | 12/02/11 | 611.41 | Telephone bills |
| Guard & Warden | 3033, 3032 | 31/01/11 | 3,897.02 | Speed Camera Jan 2011, Monitoring Pjazza Jan 2011 |
| Central Joint Committee | CJC331 | 31/01/11 | 4,446.32 | Tribunal expenses Jan 2011 |
| Christian Camilleri | 3 | 10/11/10 | 352.49 | Repairs - Bernard Buhagiar Car |
| Enemalta Corporation | 1800000647 | 15/09/10 | 233.00 | Update of Database & Demarcation |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | charges |
| Andrew Vassallo Ltd | INV236-11MC | 08/02/11 | 708.00 | Bankijiet |
| Mario Bonnici | 72 | 14/02/11 | 233.64 | Plastering works, Mdina Road rampa |
| B. Grima & Sons | 2308 | 18/02/11 | 715.20 | Tabelli u sinjali |
| AKL | 32/10 | 03/02/11 | 16.00 | Laqgha tas-Sindki |
| La Barbone | 6 950 224 | 27/01/11 | 136.00 | Ikel laqgha anzjani |
| Simone Attard | n/a | n/a | 354.00 | Servizz muzikali, Jum haz-Zebbug |
| Doris Cutajar | n/a | n/a | 233.20 | Librarian January 2011 |
| M&E Management Group | 002 (A) / 2011 | 27.02.2011 | 236.00 | Photography Services |
| St Philip Bar & Rest. | n/a | 28.02.2011 | 100.00 | Ikel waqt l-armar ghall-Fiera tal-Ktieb, Marzu 2010. |
| Mario Cachia | n/a | 28.02.2011 | 300.00 | Tqassim ta' Avvizi dwar Gbir ta' Skart (Dicembru 2010) |
| | | | | |
| ***Total Skeda B*** | | | ***26,555.75*** | |
| | | | | |
| ***Total Skedi A & B*** | | | ***50,998.65*** | |

5.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab informazzjoni dwar il-hlas ghat-tqassim tal-fuljett. Is-Sindku spjega li dan kien hlas relatat ma' tqassim ta' flyer relatat mal-gbir tal-iskart fil-festi tal-milied u li sar b' mod urgent

5.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab informazzjoni dwar il-hlas lil M&E Maanagement Group dwar photography services. Is-Sindku spjega li dan kien hlas ghal servizz ta' fotografu li ghamel gurnata jdur madwar haz-Zebbug sabiex jigbed ritratti tajbin ghal fuq il-website tal-kunsill.

5.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta dwar il-pagament ghat-tiswijiet fuq il-karozza ta' Bernard Buhagiar. Il-Kunsillier Agius argumenta li ma kienx sew li l-haddiema juzaw il-karozzi taghhom u ssir dil-hsara li jrid jaghmel tajjeb ghaliha l-kunsill. Il-Kunsillier Agius semma li dawn l-affarijiet huma regolati bil-ligi tal-fringe benefits. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li jaqbel mal-Kunsillier Agius u qal li l-Kunsill ghandu jevalwa b' mod serju l-opportunita li tinxtara vettura ghall-kunsill. Kien hemm qbil li dan il-punt jittella' fuq l-agenda tal-kunsill.

5.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf id-dati tal-invoices ta' Tanti Ironmongery.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Duncan Bartolo. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati b' mod unanimu. (101)

5.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-approvazzjoni tal-kunsill stimi ghal xoghol ta' konkoss f' numru ta' toroq;

Triq Sidtna tad-Dawl
Sqaq fit-Triq tad-Dawl
Xoghol ta' culvert fi Triq il-Qubbajt

Is-Sindku gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Ix-xoghol gie approvat b' mod unanimu. (102)

5.8. Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja b' mod personali lis-Sindku f' ismu u f' isem xi residenti ghall-bankijiet li saru quddiem il-kazin tal-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsillier Cortis kompla jghid li s-Sindku kien weghdhu li ha jaghmel dawn il-bankijiet u kien ragel fuq l-irgiel talli zamm il-kelma tieghu. Il-Kunsillier George Cortis talab li jsir xi xoghol iehor hdejn in-nicca ta' triq it-12 ta' Mejju sabiex ix-xoghol li diga sar ikun komplut. Kien hemm qbil li l-kunsillier Cortis jikkordina mal-projects manager fuq dan ix-xoghol.

5.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li prezentament ix-xoghol fuq it-tender tal-LES mill-Kumitat regjonali jinsab wieqaf minhabba l-protest gudizzjarju tal-kumpanija Aurelia u l-kumitat regjonali kien se jkollu bzonn ta' servizz legali. Is-Sindku spjega li kumitat iddecieda li jkompli ghaddej bis-servizzi tal-avukat tal-kumitat kongunt ta' qabel, Dr. Alex Sciberras. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' dan il-kunsill kellu jhallas is-somma ta' €125 fis-sena u dawn il-flus jigu rifuzi lura lill-kunsill meta tibda topera s-sistema tal-LES.

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill johrog sehemu fl-ispejjez tas-servizz legali ghal-kumitat regjonali. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (103)

5.10.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill rendikont preparat mill-ufficjal awtorizzat dwar l-ispejjez u d-dhul tas-sistema tal-LES. Is-Sindku Alfred Grixti spjega wkoll li fl-ahhar audit l-awdituri talbu li l-flus dovuti mill-LES li ilhom aktar minn sentejn issir provizjoni ghalihom fl-accounts peress li dawn huma preskritti. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dawn qatt ma jistghu jigu preskritti peress li diga hemm sentenza fuqhom. Is-Sindku kompla jghid li giet diskussa l-possibilta li tintbaghat ittra legali lil kull min ghandu jhallas dawn il-penalitajiet. Is-Sindku qal li l-hlas ghal dan is-servizz huwa ta' €1 ghal kull ittra li tintbaghat.

5.10.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq suggeriment sabiex minflok jintbaghtu l-ittri kollha jintbaghtu sample minnhom u skond l-ezitu l-Kunsill jiddeciedi jibghatx lil kollha.

5.10.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex jintbaghtu ittri legali lil sample ta' persuni minn fost dawk li ghandhom kontravenjonijiet li ilhom pendenti ghal aktar minn sentejn. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu. (104).

## 6. RAPPORT TAL-LAQGHA MA' DR. C. SAID

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li waqt il-laqgha mal-Onor. Dr. Chris Said il-Kunsill iddiskuta l-problema li ghandu l-Kunsill relatata mal-iskema tal-PPP minhabba t-talbiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Is-Sindku spjega li din kienet problema kbira u li l-Kunsilli kollha ghaddejjin minnha u li Dr. Said kien ser jerga jkellem lill-korporazzjoni.

6.2. Is-Sindku spjega li l-akbar problema hija li l-WSC m' ghandha l-ebda pjan ghal Haz-Zebbug u filfatt anke meta l-Kunsill talab x' tip ta' xoghol irid isir fuq it-toroq tal-PPP u l-ispiza tax-xoghol il-WSC ma kienitx f' posizzjoni li twiegeb.

6.3. Rigward Vjal il-Helsien is-Sindku spjega li tressqet talba lil Dr. Said sabiex il-Kunsill iqassam il-hlas taghha fuq perijodu ta' 6 snin peress li l-spiza kienet se titla ghal kwazi €1.2 miljun u d-dipartiment kien provda biss €400,000 li bazikament kienu se jkopru l-ispiza tat-tarmac biss. Is-Sindku kompla jghid li Dr. Said wera ruhu favorevoli ghal din it-talba u talab lill-Kunsill iressaq talba formali.

6.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf f' xiex wasal il-Kunsill fuq ix-xiri ta' premises. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li bhalissa l-Kunsill ghandu l-ghazla jonfoqx il-flus fuq toroq jew fuq bini gdid ghall-kunsill u bhalissa jippreferi jaghmel it-toroq ghax huma ta' prijorita ikbar.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU U LAQGHA ANNWALI

7.1. Dan l-item ma setghax jigi diskuss minhabba li l-accountant tal-Kunsill ma setghax jattendi minhabba problem personali.

## 8. RAPPORT PRELIMINARI CUSTOMER PERCEPTION SURVEY

8.1. Il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat sabiex Dr. Massimo Ellul jispejga r-rizultati tal-customer perception survey li sar fost sample tar-residenti ta' Haz-Zebbug. Il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat fid-9.30pm.

8.2. Il-laqgha tkompliet fl-9.45pm.

8.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li s-survey juri li l-kunsill irid jahdem aktar fl-oqsma tat-toroq u infrastruttura, indafa, u dixxiplina fit-toroq filwaqt li l-Kunsill ircieva kummenti posittivi fuq inizjattivi godda ghal-lokal, fuq kemm hu qrib tac-cittadin, u fuq l-attivitajiet li jorganizza. Is-Sindku kompla jghid li l-percezzjoni li n-nies huma mdejqin bil-wardens mhix korretta u anzi dan is-survey juri li n-nies iridu aktar infurazar.

8.4. Il-Kunsill dahal fi stadju ta' kumitat sabiex il-Project Manager Philip Gatt jaghti rendikont tal-ewwel xahar ta' hidma tieghu. Il-laqgha waqfet fl-9.50pm. Il-Laqgha tkompliet fl-10pm.

## 9. REVISION CLASSES GHALL-FORM V

9.1. Il-Vici Duncan Bartolo ressaq suggeriment sabiex il-Kunsill jorganizza revision classes bi preparazzjoni ghal dawk l-istudenti li qeghdin form 5 u li ghandhom bzonn jaghmlu resits f' suggetti bazici bhalma huma l-Malti,

Ingliz, u Matematika. Il-Vici Sindku kompla jghid li dawn il-lezzjonijiet isiru gewwa l-librerija bejn Lulju u Settembru u jintuzaw ghalliema professjonali u bil-warrant.

9.2. Saret diskussjoni dwar kemm ghandha tkun ir-registration fee ghal dawn il-korsijiet u kien hemm qbil li ssir registration fee ta' €5 u ghan-noti.

**10. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI**

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-attenzjoni tal-kunsill kwotazzjonijiet li ngabru hekk kif miftiehem mill-kunsill dwar LED television screens biex jintuza bhala notice board elettroniku. Wara li gew diskussi l-kwotazzjonijiet gie deciz li l-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni ta' Pers Electronics li tammonta ghal € peress li kienet l-iktar wahda irhisa u li tikkorrispondi mal-bzonnijiet tal-kunsill.

10.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghad-diskussjoni tal-kunsill il-proposta li jergghu jsiru s-slaleb fil-pjazza fil-gimgha mqaddsa. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-ftehim jibqa bhal dak tas-sena ta' qabel.

**11. AGGORNAMENT**

11.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 4 ta' April fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fl-10.45pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv